

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9907/25

ENFOPOL 192
CRIMORG 100
ENFOCUSTOM 94
IXIM 119
CT 67
COWEB 84
COEST 441
ENT 90
UD 130
JAI 780

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Ġunju 2025

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9482/25

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u l-ġlieda
kontra t-theddid ikkawżat mill-armi tan-nar u oġġetti pirotekniċi
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ġunju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u l-ġlieda kontra t-theddid ikkawżat mill-armi tan-nar u oġġetti pirotekniċi, approvati mill-Kunsill

(Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4102 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ġunju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u l-ġlieda kontra t-theddid ikkawżat mill-armi
tan-nar u oġġetti pirotekniċi

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

It-traffikar tal-armi u l-munizzjon, l-armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar illeċiti stampati 3D), il-konverżjoni illeċita ta' armi tal-allarm u tas-sinjali, l-armi tan-nar mhux diżattivati kif suppost, u l-użu ħażin ta' oġġetti pirotekniċi jgħolqu diversi tipi ta' theddid sinifikanti għas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea (UE) u għas-sikurezza pubblika. Barra minn hekk, l-armi tal-porvli kkargati separatament u r-riproduzzjonijiet tagħhom jirrappreżentaw theddida potenzjali u li qed tevolve f'xi Stati Membri li tkun teħtieġ aktar valutazzjoni.

Armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar stampati 3D)

1. L-użu ta' teknoloġiji, fosthom l-istampar 3D, biex b'mod illeċitu u privatament jiġu prodotti armi tan-nar u l-komponenti tagħhom qed isir sors ta' theddid għal għas-sigurtà interna tal-UE.
2. F'xi każijiet, armi tan-nar magħmula privatament li jiġu prodotti b'mod illeċitu, inkluż minn professjonisti mhux awtorizzati jew billi jinkiser trademark fi Stat Membru, isiru b'tali mod li jkunu jixbhu lil armi tan-nar ġenwini kif identifikati fl-Azzjoni Operazzjonali tal-PHANTOM fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT).
3. Qed jizzied l-għadd ta' reati li jinvolvu armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar stampati 3D) li jiġu prodotti b'mod illeċitu minn networks kriminali u individwi.
4. It-traċċabbiltà u l-verifika tal-armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar stampati 3D) huma sfida għall-entitajiet tal-infurzar tal-liġi billi dawn l-armi tan-nar ma għandhomx numri tas-serje u elementi ta' identifikazzjoni. B'mod partikolari, il-blueprints diġitali biex jiġu prodotti armi tan-nar stampati 3D u armi tan-nar maħduma b'magni li jaħdmu b'kontroll numeriku kompjuterizzat (CNC) huma disponibbli online b'mod ħieles. Dawn il-blueprints jistgħu jitniżżlu, jiġu distribwiti u jintużaw biex jiġu prodotti armi tan-nar b'mod illeċitu, li jista' jwassal għal theddid potenzjali għas-sigurtà.

5. L-approċċ għall-produzzjoni u l-pussess illeċiti ta' armi tan-nar magħmula privatament, fosthom armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom stampati 3D, mhuwiex armonizzat espliċitament fil-livell tal-UE, li jista' jeħtiegħ approċċ ikkoordinat.

Armi tal-allarm u tas-sinjal ikkonvertiti u armi tan-nar riattivati

6. Qed tkompli tikber it-theddida kkawżata mill-konverżjoni illeċita ta' armi tal-allarm u tas-sinjal f'armi tan-nar kompletament funzjonali li mbagħad jintużaw f'attivitajiet kriminali.
7. Azzjoni effettiva kontra din it-theddida tista' teħtiegħ kooperazzjoni fil-livell tal-UE, l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni u l-iżvilupp ta' mezzi analitiċi u tal-infurzar tal-liġi u miżuri amministrattivi komuni, billi d-differenzi fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE jiġu sfruttati mill-kriminali biex jakkwistaw armi tal-allarm u tas-sinjal li jistgħu jiġu kkonvertiti.
8. L-armi konvertibbli distribwiti b'diversi mezzi fl-UE, fosthom:
- a) il-bejgħ legali ta' armi tal-allarm u tas-sinjal konvertibbli u ta' armi tan-nar diżattivati li mbagħad jiġu riattivati;
 - b) it-traffikar illeċitu minn pajjiżi b'regolamenti inqas restrittivi;
 - c) in-negozjar fuq id-dark net u fuq pjattaformi online li jistgħu jidhru li huma leġittimi, jew negozjar fuq pjattaformi aċċessibbli b'mod miftuħ li jiffaċilitaw il-kummerċ illeċitu;
 - d) it-traffikar fil-fruntieri terrestri u marittimi kif ukoll fi spedizzjonijiet tal-posta u ta' pakketti;
 - e) workshops illegali involuti fil-produzzjoni jew il-konverżjoni ta' armi jew tal-komponenti tagħhom (inkluż dawk li jużaw l-istampar 3D);
 - f) id-distribuzzjoni minn gruppi kriminali u organizzazzjonijiet terroristiċi.
9. Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ssaħħet bil-kooperazzjoni tal-UE permezz tal-EMPACT, permezz tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar, u permezz ta' kollaborazzjoni mal-Europol u aġenziji oħra tal-UE bħal Frontex u Eurojust, kif ukoll b'mekkaniżmi mtejbja għall-qsim tal-informazzjoni fost l-Istati Membri u partijiet terzi.

10. Kriterji għall-Unjoni kollha biex issir distinzjoni ċara bejn armi mhux konvertibbli u konvertibbli, kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali u l-involviment ta' esperti tekniċi fl-identifikazzjoni tat-theddid jistgħu potenzjalment itaffu l-konverżjoni illeċita tal-armi.

Armi tal-porvli kkargati separatament

11. Ir-riproduzzjonijiet ta' armi antiki li jistgħu jinbnew b'tekniki moderni huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2021/555¹. Madankollu, skambju ulterjuri ta' informazzjoni fost l-Istati Membri, f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli, dwar inċidenti li jinvolvu armi tal-porvli kkargati separatament u r-riproduzzjonijiet tagħhom jistgħu jnaqqsu l-inkonsistenzi fil-politika dwar il-kontroll, il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-permessi tagħhom.
12. Monitoraġġ aħjar tal-użu illeċitu ta' armi tal-porvli kkargati separatament u r-riproduzzjonijiet tagħhom jista' jtejjeb l-effettività tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni, jipprevjeni riskji potenzjali u jżomm l-iskala relattivament żgħira tar-reati assoċjati ma' dawn l-armi u r-riproduzzjonijiet tagħhom.

Oġġetti pirotekniċi

13. L-użu illeċitu ta' oġġetti pirotekniċi joħloq theddida dejjem akbar għas-sikurezza u s-sigurtà pubblika, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ordni pubbliku. Ir-riskji huma assoċjati mal-proliferazzjoni u l-użu illeċitu ta' oġġetti pirotekniċi minn ħuligans, terroristi u gruppi kriminali kif ukoll ma' atti ta' vjolenza kontra l-persunal tas-sigurtà, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, is-servizzi ta' salvataġġ, is-servizzi mediċi ta' emerġenza u l-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, oġġetti pirotekniċi jistgħu jkorru serjament lil dawk li jużawhom u lil min ikun jinsab fil-qrib, kif ukoll jagħmlu ħsara lill-proprjetà pubblika u privata. L-użu illeċitu ta' oġġetti pirotekniċi jista' jkun ta' theddida sinifikanti għall-infrastrutturi kritiċi u jikkawża tfixkil fil-bliet u l-komunitajiet.

¹ Il-premessa 37 tad-Direttiva 2021/555 tal-24 ta' Marzu 2021 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (id-"Direttiva dwar l-Armi tan-Nar").

14. F'xi Stati Membri, l-oġġetti pirotekniċi qed jintużaw dejjem aktar għal skopijiet kriminali, fosthom attakki fuq l-ATMs, u fil-manifattura ta' apparati splussivi improvviżati (IEDs), li mbagħad jintużaw biex ikorru, jirrikattaw, jintimidaw, isikkta, jheddu jew joqtlu lin-nies.
15. Il-kummerċ illeċitu tal-oġġetti pirotekniċi u l-produzzjoni illeċita u t-trasferiment mhux ikkontrollat tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-internet, in-networks soċjali u ħwienet online illegali, joħolqu theddida dejjem akbar.
16. L-aċċess mhux awtorizzat għal oġġetti pirotekniċi professjonali, in-nuqqas frekwenti ta' konformità tagħhom mar-regolamenti dwar is-sikurezza (inkluż rigward it-trasport u l-ħżin), il-preżenza ta' prodotti ta' kwalità baxxa u prodotti li jkunu sottoklassifikati mill-manifatturi, u l-qawwa eċċessiva ta' xi oġġetti pirotekniċi joħolqu riskji sinifikanti għas-sikurezza u s-sigurtà ta' dawk li jużawhom, ta' min ikun jinsab fil-qrib u tal-pubbliku ġenerali, inkluż il-minorenni.
17. Ir-regolamenti eżistenti fil-livell tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 2013/29/UE dwar l-oġġetti pirotekniċi, jiffukaw prinċipalment fuq is-sikurezza tal-oġġetti pirotekniċi u l-moviment liberu tagħhom fis-suq uniku.
18. Hemm bżonn urġenti li jitqies it-tisħiħ tal-infurzar tar-regoli dwar l-aċċess (online) għal oġġetti pirotekniċi, b'mod partikolari dawk professjonali, dwar il-kontroll tal-kummerċ elettroniku, it-traċċabbiltà tal-prodotti, forma ta' kontroll amministrattiv armonizzat, u l-applikazzjoni ta' definizzjonijiet uniformi tal-kategoriji ta' oġġetti pirotekniċi.
19. Hija meħtieġa azzjoni koordinata, inkluż il-kunsiderazzjoni u t-teħid, b'mod proporzjonali għar-riskju, ta' miżuri effettivi u deċiżivi dwar oġġetti pirotekniċi speċifiċi, fil-livell tal-UE biex jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà kif ukoll biex jitnaqqsu r-riskji assoċjati mal-użu illeċitu ta' oġġetti pirotekniċi bħall-kategorija F4.

Data dwar l-armi tan-nar

20. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija għodda ewlenija li tappoġġa l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-UE, inkluż fit-tiftix u t-traċċar tal-armi tan-nar. Fis-SIS jistgħu jiddaħħlu allerti dwar l-armi tan-nar għal żewġ skopijiet prinċipali: l-ewwel nett, it-twettiq ta' kontrolli diskreti, verifiki ta' investigazzjoni jew kontrolli speċifiċi; u t-tieni, is-sekwestru tal-armi tan-nar jew l-użu tagħhom bħala prova².
21. L-armi tan-nar għandhom ċiklu tal-ħajja twil u xorta jistgħu jkunu ta' theddida wara ħafna għexieren ta' snin. Kull allert dwar l-armi tan-nar irid jiġi rieżaminat fi żmien 10 snin³. Rieżami perijodiku tal-allerti huwa meħtieġ kemm għal raġunijiet legali kif ukoll operazzjonali, u jippermetti verifika regolari tad-data u t-tneħħija ta' entrati skaduti jew impreċiżi f'konformità mal-prinċipju tan-neċessità.
22. Il-kwalità u l-kompletezza tad-data mdaħħla fis-SIS għadhom sfida ewlenija. Ħafna Stati Membri jindikaw li hemm inkonsistenzi (eż. nuqqas ta' numri tas-serje uniċi, ismijiet inkonsistenti tal-manifatturi tal-armi, iġformattjar skorrett tad-data). Bħala s-sors tal-informazzjoni mdaħħla fis-SIS, il-bażijiet ta' data nazzjonali għandhom rwol ewlieni biex jiżguraw il-kwalità u l-konsistenza tad-data. Standards uniformi għal meta tiddaħħal id-data fil-bażijiet ta' data nazzjonali jtejbju l-kwalità meta jinħolqu l-allerti fis-SIS.
23. Biex jiġi żgurat l-użu effettiv tas-SIS, huwa kruċjali li tiġi eżaminata l-fattibbiltà li jiġu awtomatizzati ċerti aspetti tar-rieżami tal-allerti kif ukoll in-notifiki sistematiċi ta' skadenza imminenti, biex tiġi evitata t-tneħħija potenzjalment prematura jew tardiva tal-allerti, li tista' ttellef l-isforzi tal-infurzar tal-liġi. Minbarra l-analiżi mwettqa mill-Esperti Ewropej tal-Armi tan-Nar (EFE) u l-iskambju sussegwenti ta' fehmiet fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM) fil-5 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill ser jikkunsidra diskussjoni dwar aġġornament possibbli tal-mekkaniżmu ta' rieżami u l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tad-data fis-SIS.

² L-Artikoli 36 u 38, rispettivament, tar-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

³ L-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2018/1862.

24. Barra minn hekk, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri jistgħu jaġixxu b'mod aktar effettiv jekk l-informazzjoni dwar l-armi tittejjeb u jsir użu aktar effettiv mis-sistemi eżistenti, bħas-Sistema ta' Ġestjoni tar-Reġstrar u t-Traċċar ta' Armi Illeċiti tal-Interpol (iARMS) u kwalunkwe sistema ta' skambju ta' informazzjoni rilevanti oħra.

Traffikar ta' armi u munizzjon minn pajjiżi u sħab mhux tal-UE

25. It-traffikar illeċitu tal-armi u l-munizzjon minn pajjiżi u reġjuni mhux tal-UE, bħat-Turkija, l-Ewropa tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent joħloq theddida serja għas-sigurtà interna tal-UE u għall-istabbiltà fil-pajjiżi ġirien. Dan huwa marbut ukoll mal-attivitajiet ta' gruppi tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu u jeħtieġ rispons ikkoordinat fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali.
26. Għalhekk kooperazzjoni operazzjonali internazzjonali, il-qsim tal-intelligence u operazzjonijiet transfruntieri konġunti huma kruċjali, prinċipalment fil-qafas tal-EMPACT u f'kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-UE.
27. L-attivitajiet tan-networks kriminali u t-tentattivi tagħhom ta' kuntrabandu tal-armi fl-UE ser jeħtieġu aktar monitoraġġ ladarba jkunu ntemmew il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kunflitti armati oħra fir-reġjuni ġirien tal-UE.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

Armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar stampati 3D)

28. Jipprovdu, anke bl-appoġġ tal-EMPACT, rispons effettiv għat-theddid maħluq minn armi tan-nar illeċiti magħmula privatament, inkluż armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom stampati 3D, permezz ta' approċċ ikkoordinat komprensiv u fit-tul li jinkludi l-valutazzjoni ta' miżuri leġiżlattivi u operazzjonali fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali.
29. Iqisu l-monitoraġġ effettiv tal-ispazju online biex jiġi evitat it-tixrid ta' blueprints għall-armi tan-nar stampati 3D u dawk maħduma bis-CNCs, u jqisu l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi biex jikkontrollaw u jimblukkaw l-aċċess għal dak il-kontenut, meta jkun legalment fattibbli.

30. Jappoġġaw l-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' għodod biex tiġi ssorveljata d-dimensjoni online tat-traffikar tal-armi.

II-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri:

Armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar stampati 3D)

31. Ikompli jikkooperaw u jsaħħu l-kooperazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli, abbażi tal-esperjenza u l-aħjar prattiki biex tiġi miġġielda l-kriminalità relatata mal-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom stampati 3D.
32. Isaħħu l-isforzi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (il-pulizija u d-dwana) biex jipprevjenu u jinvestigaw workshops illegali li jipproduċu armi tan-nar magħmula privatament.

Armi tal-allarm u tas-sinjal ikkonvertiti u armi tan-nar riattivati

33. Jiżviluppaw l-involvement f'mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, fosthom l-EMPACT, flimkien mal-Europol, il-Frontex, il-Eurojust, l-Interpol, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità u n-Networks Ewropej ta' Istituti tax-Xjenza Forensika, biex jiġu miġġielda t-traffikar u d-distribuzzjoni ta' armi kkonvertiti.
34. Ikompli jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali biex jiġi ssorveljat il-fluss ta' armi kkonvertiti u biex jiġu miġġielda l-gruppi kriminali tranżnazzjonali.
35. Isaħħu l-isforzi biex jiġu identifikati u żarmati l-workshops illegali involuti, fost oħrajn, fil-konverżjoni ta' armi tal-allarm u tas-sinjal.
36. Jimplimentaw miżuri effettivi u kontrolli xierqa fil-livell nazzjonali biex tiġi evitata l-importazzjoni minn pajjiżi mhux tal-UE, fosthom it-Turkija, ta' armi tal-allarm u tas-sinjal li ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-UE⁴ biex tiġi miġġielda l-introduzzjoni fis-suq uniku ta' mudelli li jistgħu jiġu kkonvertiti.

⁴ L-Anness tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/69 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal.

37. Isaħħu l-kontrolli nazzjonali anke bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (il-pulizija u d-dwana) fl-azzjoni operazzjonali tal-EMPACT, Conversus, bi skambji msaħħa ta' informazzjoni u b'kooperazzjoni biex jiġu identifikati l-produtturi, l-importaturi u l-bejjieġha bl-imnut li jforu lis-suq tal-UE b'mudelli ta' armi tal-allarm u tas-sinjal li jistgħu jiġu kkonvertiti f'armi letali.

Armi tal-porvli kkargati separatament

38. Iqisu, fejn rilevanti, il-monitoraġġ ta' inċidenti li jinvolvu r-riproduzzjoni ta' armi tal-porvli kkargati separatament biex jivvalutaw aħjar ir-riskji u l-effettività tar-regolamentazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali u tal-UE.

Data dwar l-armi tan-nar

39. Ikollhom fil-mira l-iżvilupp tal-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar bħala għodda ewlenija għall-iskambju ta' informazzjoni u l-analiżi tad-data dwar l-armi tan-nar.
40. Jieħdu miżuri biex jittejbu l-kwalità u l-kompletezza tad-data dwar l-armi tan-nar fis-SIS, billi:
- a) jiżguraw kwalità aħjar tad-data u konsistenza fl-entrati fil-bażijiet ta' data nazzjonali;
 - b) jintroduċu standards u linji gwida ċari għall-iformattjar tad-data;
 - c) jeliminaw żbalji li jirriżultaw mid-dħul manwali tal-informazzjoni;
 - d) iżidu l-għarfien dwar il-Manwal tas-SIS u jiddistribwuh lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u awtoritajiet oħra responsabbli biex idaħħlu l-allerti fis-SIS, kif ukoll lill-utenti finali tas-SIS;
 - e) jaġġornaw regolarment it-tabelli tal-kodiċijiet tal-manifatturi tal-armi u jiżviluppaw għodod għaż-żieda dinamika ta' manifatturi ġodda;
 - f) isaħħu t-taħriġ tal-persunal responsabbli biex idaħħal u jaġġorna l-allerti dwar l-armi tan-nar.

Oġġetti pirotekniċi

41. Jenfasizzaw l-importanza li tissaħħa u tiġi unifikata l-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/29/UE, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, u jappellaw għal azzjoni addizzjonali biex jiġi indirizzat aħjar it-tfassib dwar is-sigurtà għall-kontroll tal-kummerċ u l-użu tal-oġġetti pirotekniċi.
42. Jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi jiġu kkategorizzati b'mod korrett billi jinfurzew miżuri biex tiġi miġġielda l-prattika li l-oġġetti jiġu kklassifikati f'kategorija li ma tkunx dik ibbażata fuq il-parametri tekniċi u l-użu intenzjonat tagħhom.
43. Iżidu s-sorveljanza tal-kummerċ online u mill-bogħod f'oġġetti pirotekniċi u jqisu xi restrizzjonijiet, fosthom il-possibbiltà li jiġi mblukkat il-bejgħ online jew mill-bogħod.
44. Jintensifikaw il-kooperazzjoni transfruntiera, bl-appoġġ tal-Europol, bħala ċentru ta' informazzjoni u għarfien, biex jiġu identifikati u eliminati l-mezzi ta' distribuzzjoni illeċiti għall-oġġetti pirotekniċi u biex jittejbu l-proċeduri ta' kontroll għall-importazzjoni, it-trasferiment u t-trasport ta' dawn il-prodotti.
45. Ikomplu jżidu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġijiet dwar is-sikurezza u l-kontroll tal-oġġetti pirotekniċi u dwar l-inkorporazzjoni tal-aħjar Prattiki fir-regolamenti nazzjonali biex jiġu żgurati l-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ordni pubbliku.

Traffikar ta' armi u munizzjon minn pajjiżi u sħab mhux tal-UE

46. Iżidu l-kooperazzjoni mal-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali tal-EMPACT dwar l-Armi tan-Nar u mal-EFE u jiżviluppaw azzjonijiet speċifiċi biex jiġi miġġieled it-theddid li qed ifeġġ.
47. Jappoġġaw il-monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni fil-fruntieri tal-UE bl-appoġġ tal-Frontex, b'mod partikolari b'rabta mat-traffikar tal-armi u l-munizzjon li joriġina minn rotot mill-Ukrajna, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u mit-Turkija, jew inkella li jsegwi dawn ir-rotot.
48. Isaħħu l-miżuri preventivi biex jiġi miġġieled il-kuntrabandu u l-kummerċ illeċitu ta' armi u munizzjon.

49. Iqisu l-iżvilupp ta' teknoloġija u għodod analitiċi, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-qafas legali applikabbli, biex jappoġġaw l-identifikazzjoni ta' tentattivi ta' kuntrabandu.
50. Jintensifikaw l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali mas-sħab ewlenin, fosthom l-Ukrajna, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-Amerka Latina.
51. Jespandu l-programmi ta' taħriġ għall-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-pulizija u tad-dwana bl-involvement tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL).
52. Ikomplu jipparteċipaw f'operazzjonijiet transfruntieri konġunti (eż. il-Jiem ta' Azzjoni Konġunta tal-EMPACT).
53. Jidentifikaw u jittraċċaw l-armi permezz ta' sistemi u bażijiet ta' data rilevanti, li jippermettu lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jivverifikaw malajr l-istatus legali tal-armi, kif promoss fl-EMPACT.
54. Ikomplu jikkooperaw mal-Ukrajna, anke bl-appoġġ tal-EMPACT, fid-detezzjoni bikrija ta' trasferimenti illeċiti potenzjali, u b'hekk jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-lista tal-UE ta' azzjonijiet biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-armi tan-nar u ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir oħra, fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
55. Ikomplu janalizzaw is-sitwazzjoni u jibqgħu impenjati li jieħdu aktar miżuri biex inaqqsu r-riskji assoċjati mat-traffikar illeċitu tal-armi u, jekk meħtieġ, jipprevjenu theddid għdid maħluq minn żviluppi fit-teknoloġija u bidliet fil-metodi ta' traffikar u kuntrabandu.

II-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni:

Armi tan-nar magħmula privatament (inkluż armi tan-nar stampati 3D)

56. Tqis li tinkludi t-theddid li jirriżulta mill-armi tan-nar magħmula privatament, inkluż l-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom stampati 3D, f'rapporti futuri dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar.

57. Fil-valutazzjoni tal-impatt dwar il-kriterji minimi għall-kriminalizzazzjoni tar-reati tal-armi tan-nar, tinkludi mistoqsijiet dwar il-ħtieġa li jiġu armonizzati r-reati kriminali relatati mal-armi tan-nar, dwar l-effettività tar-regolamenti attwali dwar il-manifattura illeċita tal-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali tagħhom, u dwar il-ħtieġa li jiġi inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-definizzjoni tal-manifattura tal-armi tan-nar. Il-valutazzjoni tal-impatt għandu jkopri wkoll mistoqsijiet dwar il-ħtieġa li jiġu kriminalizzati l-produzzjoni, il-pussess u t-tixrid ta' blueprints diġitali għall-produzzjoni ta' armi tan-nar illeċiti u tal-komponenti essenzjali tagħhom, kif ukoll dwar jekk hemmx bżonn titħejja proposta leġiżlattiva biex jingħalqu lakuni possibbli fil-produzzjoni, il-pussess u d-distribuzzjoni ta' armi tan-nar stampati 3D.

Armi tal-allarm u tas-sinjal ikkonvertiti u armi tan-nar riattivati

58. Tivvaluta l-ħtieġa li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti, applikabbli għall-armi tal-allarm u tas-sinjal biex tiġi miġġielda aħjar il-konverżjoni illeċita ta' dawn l-armi.
59. Tinkludi punt speċifiku dwar l-armi tal-allarm u tas-sinjal ikkonvertiti frapporti futuri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, inkluż valutazzjoni tat-theddida li jgħolqu għas-sigurtà pubblika fl-Istati Membri.
60. Tirrikonoxxi li l-proċess illeċitu tal-konverżjoni tal-armi tal-allarm u tas-sinjal f'armi tan-nar jgħolq theddida dejjem akbar għas-sigurtà interna u jeħtieġ azzjoni koordinata fil-livell nazzjonali u tal-UE.

Data dwar l-armi tan-nar

61. Tħaffef il-ħidma biex jiġi stabbilit sett ta' data minimu obligatorju li għandu jiddaħħal fil-bażijiet ta' data nazzjonali tal-Istati Membri dwar l-armi tan-nar sekwestrati (eż. it-tip, il-marka, il-mudell, il-kalibru u n-numru tas-serje tal-armi, iċ-ċirkustanzi tas-sekwestru, il-post, data dwar ir-rotta tal-kuntribandu, ritratti u n-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-armi tan-nar). Tesplora sinerġiji biex tallinja s-sett ta' data tal-allerti dwar l-armi tan-nar fis-SIS ma' dan is-sett ta' data minimu.

62. Tanalizza l-ħtieġa li tiġi emendata l-leġislazzjoni tal-UE biex jiġi żgurat l-istabbiliment armonizzat ta' dawn is-settijiet ta' data minimi fil-livell nazzjonali kif ukoll l-integrazzjoni tad-data maċ-Ċentru tal-Europol għall-Armi tan-Nar, biex b'hekk jinħoloq repożitorju Ewropew komuni u tiġi evitata d-duplikazzjoni tas-sistemi. Dan jista' jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-armi tan-nar illeċiti, fost oħrajn l-identifikazzjoni tat-tendenzi, ix-xejriet u l-modi operandi, kif ukoll evalwazzjoni aħjar tal-effettività tal-miżuri u r-regolamenti fis-seħħ fl-UE.

Oġġetti pirotekniċi

63. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi attwali u futuri tagħhom biex isaħħu u jarmonizzaw l-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/29/UE, speċjalment biex jindirizzaw aħjar it-tħassib dwar is-sigurtà għall-kontroll tal-kummerċ u l-użu tal-oġġetti pirotekniċi.
64. Tistabbilixxi mekkaniżmi effettivi għat-traċċar ta' oġġetti pirotekniċi ta' riskju għoli f'kull stadju tad-distribuzzjoni, b'kont meħud tal-ħolqien ta' dokumenti ta' akkumpanjament għall-movimenti intra-UE.
65. Teżamina l-possibbiltà u l-ħtieġa li tinkludi murtali tal-kategorija F1 fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2013/29/UE, li jagħti bażi lill-Istati Membri biex jintroduċu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq il-pussess, l-użu jew il-bejgħ lill-pubbliku ta' oġġetti pirotekniċi fil-kategoriji F2 u F3 u P1 u T1, billi xi oġġetti f'dawn il-kategoriji jistgħu jikkaġunaw ħsara u korriment serji jekk jintużaw ħażin.
66. Tqis li tillimita l-kontenut massimu ta' splussivi netti f'oġġetti pirotekniċi bl-ogħla livell ta' riskju (F3 u F4) u tqis modi kif tiżgura infurzar aħjar tar-restrizzjonijiet fuq l-użu u ċ-ċirkulazzjoni ta' oġġetti pirotekniċi.
67. B'mod urġenti, tevalwa l-miżuri meħuda fil-livell tal-UE u kif xieraq tiegħu azzjoni ulterjuri biex issaħħaħ il-qafas regolatorju u tiżviluppa proposti leġislattivi biex jiġu evitati l-produzzjoni illeċita, il-kummerċ (inkluż il-kummerċ online) f'oġġetti pirotekniċi perikolużi, u l-użu tagħhom.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, il-Europol, l-Interpol u l-Frontex:

68. Fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, jaħdmu favur aktar armonizzazzjoni u kooperazzjoni mtejbja fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u oġġetti pirotekniċi permezz ta':
- a) approċċ ikkoordinat għall-analiżi ta' dan il-fenomeni, kooperazzjoni f'operazzjonijiet internazzjonali u fl-iskambju ta' informazzjoni, b'segwitu għall-ħidma mwettqa mill-EMPACT u f'konformità mal-liġi internazzjonali, tal-UE u nazzjonali;
 - b) l-iżvilupp ta' strateġija fit-tul biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-armi ladarba r-Russja tkun temmet il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, it-titjib tat-taħriġ mogħti lill-gwardji tal-fruntieri u l-esplorazzjoni tal-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġu identifikati armi u munizzjon illeċiti.

Il-Kunsill jistieden lill-Europol:

69. Tistabbilixxi pjattaforma dedikata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar armi tan-nar stampati 3D u blueprints għal magni CNC biex tikkordina aħjar l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE f'kooperazzjoni mal-Eurojust, l-Interpol u l-OLAF fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom.
70. Tinvolti lill-Istati Membri fit-tfassil u l-iżvilupp tal-modulu ta' skambju ballistiku fiċ-Ċentru tal-Armi tan-Nar li qed jiġi żviluppat mill-Europol, fost oħrajn lill-partijiet ikkonċernati tal-EMPACT u n-Network Ewropew ta' Istituti tax-Xjenza Forensika. Dan il-modulu għandu jiffaċilita l-qsim ta' data ballistika fost l-Istati Membri, u jkun aċċessibbli għas-Sistemi kollha ta' Informazzjoni Ballistika Awtomatika, filwaqt li jiżgura interoperabbiltà sħiħa.
71. Issaħħaħ l-appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u tiffaċilitaha biex issir prevenzjoni aktar effiċjenti tal-użu ta' oġġetti pirotekniċi għal skopijiet kriminali u vjolenti.
-